**FIL-QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum it-tlettax (13) ta' Lulju, 2022**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 1291/2010 ISB**

**George Borg (ID 721540M)**

**Vs**

**Primrose Poultry Products Limited (C1806)**

**Robert Borg (ID403561M) bhala direttur tas-socjeta' Primrose Poultry Products Limited**

**Joseph Galea (ID326152M) bhala direttur tas-socjeta' Primrose Poultry Products Limited**

**Michael Vella (ID678760M) bhala direttur tas-socjeta' Primrose Poultry Products Limited**

**Il-Qorti,**

Rat il-provvediment li permezz tiegħu l-kumpannija **Primrose Poultry Products Limited (C1806)** kienet dikjarata xjolta minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Jannar 2012, u fejn kien ordnat l-istralċ tagħha bil-kundizzjonijiet hemmek stipulati.

Rat l-atti kollha tal-proċediment ta` stralċ, inkluzi l-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mgħoddija minn żmien għal żmien mill-istralcarju kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti miżmuma u kif ukoll mir-rapporti minnu mħejjija u ppreżentati u rat ukoll id-diversi digrieti moghtija minn din l-istess Qorti minn zmien gha zmien matul il-kors ta' dan l-istralc.

Rat, fost il-miri principali ottenuti u x-xoghol mwettaq fil-kors ta' dan l-istralc:

- Illi fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2013, il-Qorti giet "*infurmata illi d-djun li ngabu a konjizzjoni tal-istralcarju llum thallsu, u lprocediment wasal fl-istadju illi jingiebu kemm jistghu l-assi tal-kumpannija u jitqassam ir-rikavat lill-azzjonisti*".

- Illi fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 2013, il-Qorti giet infurmata illi "*Robert Borg kien istitwixxa kawza kontra l-istralcarju ta' Primrose Poultry Products Limited fejn irreklama l-hlas ta' ammont pretiz*" ta' flejjes.

- Illi fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2013, l-Qorti kienet mgharrfa illi "*l-oggetti mobbli tal-kumpannija xjolta kienu nbieghu b'irkant u l-ftit li dahal minn dak il-bejgh mar sabiex ikun kopert l-ispejjes tal-istralc*" u l-istralc kien issa fl-istadju "*illi jasal ghal bejn tal-immobbli meta jinstab prezz tajjeb*".

- Illi fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2014, il-Qorti giet nfurmata illi "*art tal-kumpannija fil-Maghtab kienet inbieghet ghal EUR70,000 u mir-rikavat kienu thallsu xi kredituri…..*".

- Illi fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2016, il-Qorti giet mgharrfa illi una volta illi tkun rizolta pendenza mal-Kummissarju tal-Artijiet u l-ARMS, "*ikun f'pposizzjoni illi jiffinalizza l-iskema ta' distribuzzjoni*".

- Illi fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2018 il-Qorti kienet infurmata illi kien irrizulta illi s-socjeta` xjolta "*kellha zewg kumpanniji sussidjarji li kienu ilhom mhux operanti ghal numru twil ta' snin. MInhabba f'hekk ir-Registratur kien beda il-process ta' thassir tal-isem …….. u f'kaz illi t-termini prevvisti mill-ligi jghaddu minghajr problemi u jsir l-istriking off, l-iskema ta' distribuzzjoni diga' mhejjija tkun tista' timxi u l-istalc jinghalaq*".

- Illi fis-6 ta' Awissu 2019, l-istralcarju ppresenta rikors bi skema ta' distribuzzjoni datata 31 ta' Mejju 2019, li fit-3 ta' Ottubru 2019 giet approvata mill-Qorti diversament preseduta bil-kundizzjonijiet hemmek degretati.

- Illi fl-udjenza tat-3 ta' Gunju 2021, l-istralcarju ta' rendikont dettaljat ta' dak li kien sar u li kien fadal sabiex jkun konkluz l-istralc, u dan partikolarment minhabba bidla fl-Imhallef illi qieghed jippresjiedi fuq dan l-istralc, fejn gie spjegat illi kien jonqos isir il-bejgh ta' ass immobbli wiehed u l-istralc ikun jista' jigi konkluz, izda kellhom jkunu sorvolati xi kwistjonijiet ta' ezenzjoni ta' taxxa sabiex isir il-kuntratt.

- Illi b'nota tat-28 ta' Gunju 2022 bil-visto u n-nuqqas ta' oppozizzjoni tar-rikorrent, l-istralcarju esebixxa l-kuntratt data dak in-nhar stess u talab lill-Qorti sabiex taghlaq l-istralc, tirrilaxxjah mill-hatra tieghu u ttih il-pjena kwittanza.

- Illi fl-udjenza tat-8 ta' Lulju 2022, ngiebet in-nota fuq msemmija a konjizzjoni tal-Qorti u bi qbil mal-istralcarju u kif ukoll id-difensur tar-rikorrenti, l-istalc thalla ghal llum ghall-provvediment finali.

Illi l-Qorti tat rendikont tassew qasir imma sinifikattiv ta' dak illi gara tul dawn is-snin kollha ta' stralc tal-kumpannija **Primrose Poultry Products Limited** peress illi f'dan il-provvediment finali taghha riedet pubblikament tissottolinea l-impenn professjonali tal-istralcarju f'dan il-process hekk twil u kif ukoll il-hidma professjonali kollaborattiva tad-difensur tar-rikorrenti, minn fejn jirrizulta mill-atti, illi hadmu it-tnejn fil-vesti taghhom rispettivi, sabiex jaraw illi jkunu solvuti minghajr dewmien zejjed il-problemi riskontrati minn zmien ghal zmien.

Tiddikjara ruħha sodisfatta li l-istralċjarju osserva l-ħtigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Liġijiet ta`Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naħa tal-istralċarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tiegħu skont il-ligi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar raġjonevolment x'isir u b'hekk jista' jingħata l-provvediment finali.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpannija huma stralċjati.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għar-ragunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mħarsa l-ħtigijiet kollha tal-liġi, qed tgħaddi biex:

1. **TILQA`** t-talba tal-istralcarju u **tiddikjara** illi l-istralcarju wettaq dak kollu lilu ordnat mill-ligi sal-punt li seta`.

2. **Teħles** lill-istralċjarju mill-ħatra tiegħu u ttih il-pjena kwittanza.

3. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpanniji avviz tal-ħelsien tal-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

4. **Tordna** li l-isem tal-kumpannija **Primrose Poultry Products Limited (C-1806)** jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

5. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien sebat' ijiem mil-lum jibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` tħassir tal-kumpannija **Primrose Poultry Products Limited (C-1806)**.

6. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex iħares dik l-ordni.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**